Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 6/2015

**Massimo Caruana**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

11 ta' Dicembru, 2017.

1. L-intimat appella minn decizjoni tal-Arbitru tat-12 ta' Dicembru,2014 li biha gie deciz:

   *"Ghalhekk l-Arbitru qed jilqa' l-appell in parte fis-sens li d-decizjoni tad-Direttur Generali ghas-Sigurta Socjali jibdel id-decizjoni tieghu billi jitlob il-hlas lura ta' beneficcju ghal dizimpieg mis-7 ta' Dicembru 2013 u mhux minn qabel din id-data.*

   *Peress li l-appellant ghadda minn perjodu difficli fejn kien mahkum minn vizzju u issa qed jaghmel minn kollox biex jirriabilita ruhu, l-Arbitru jirrakomanda li l-ammont dovut mill-appellant kif deciz f'dan l-appell, jingbar b'mod meqjus sabiex ma jiddevjax lill-appellant mit-triq it-tajba li qabad".*

   Fl-istess decizjoni l-Arbitru kkunsidra li:

   - L-appellat kien qal li kien ilu tmien snin li qata' mir-relazzjoni minn ma' Dorianne Pace, u li kellu relazzjoni tajba hafna ma' ommu;
   - F'dak ix-xenarju ma fehemx kif hwejgu baqghu jinzammu minn Dorianne Pace. Fic-cirkostanzi ma kienx moralment konvint mill-verzjoni li ta l-appellat.
   - L-intimat ma spjegax ghalfejn kien qieghed jippretendi rifuzjoni tal-beneficcji mill-20 ta' Marzu, 2010. Inoltre', l-intimat ma kien gab l-ebda prova konkreta li l-appellat kien ilu jghix ma' Dorianne Pace sa mill-20 ta' Marzu, 2010. Zied li, a bazi tar-rapport tad-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji, Caruana kien qed ighix ma' Dorianne Pace sa mis-7 ta' Dicembru 2013, cjoe' mid-data tal-ispezzjoni li saret mill-ispetturi.

2. Id-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali jilmenta mill-apprezzament tal-provi li ghamel l-Arbitru. Isostni li:

*"In-nuqqas ta' kredibilita' min-naha tal-appellat hija lampanti – ezempju ta' dan jemani mill-fatt li filwaqt li l-appellat qed isostni li huwa qata' mir-relazzjoni li kellu ma' Dorianne Pace xi tmien snin ilu, waqt l-investigazzjoni tas-7 ta' Dicembru 2013, Dorianne Pace tirreferi ghall-appellat bhala s-sieheb taghha. L-appellat ma kienx jaf jaghti raguni ghalfejn l-affarijiet tal-lehja li jintuzaw kuljum kienu jinsabu ghan is-siehba tieghu. Barra minn hekk l-appellant ighid li kien qed jorqod biss fl-indirizz li ddikjara mad-Dipartiment izda kurjuz hafna l-fatt li skont ix-xhieda tieghu tas-7 ta' Novembru, 2014, il-post li l-appellat iddikjara mad-Dipartiment li qed ighix fih, ma ghandux kamra tas-sodda ! (ara xhieda 7 ta' Novembru, 2014)…*

*12. Illi l-ispetturi f'pagna 4 tar-rapport investigattiv indikaw li mir-ricerka li ghamlu mal-kumpannija Arms Limited fuq l-indirizz fejn joqghod l-appellat, f'perjodu ta' kwazi 4 snin, bejn il-5 ta' Awissu 2009 u t-12 ta' Lulju, 2013, inhlew biss 206 units ta' dawl li juri kemm il-post ma kienx qed jintuza b'mod regolari u permanenti u dan ghall-kuntrarju ta' dak li gie ddikjarat mill-appellat fl-applikazzjoni tieghu.*

*13. Illi l-fatt li l-post fejn qed jiddikjara li huwa r-residenza tieghu ma fihx kamra tas-sodda u l-fatt li f'perjodu ta' kwazi 4 snin inhlew biss 206 units ta' dawl, huma evidenza kogenti li turi li d-Direttur kien korrett fid-decizjoni tieghu u ghalhekk kemm l-arbitru kien manifestament zbaljat".*

3. L-appellat ma wegibx.

4. Id-decizjoni tal-appellant kienet li l-appellat ghandu jirrifondi lura s-somma ta' €22,185.55 li thallset bhala Ghajnuna ghall-Qghad ghall-perjodu bejn l-20 ta' Marzu, 2010 u t-18 ta' April, 2014.

5. Jirrizulta li fis-6 ta' April, 2010 l-appellant kien applika ghall-ghajnuna ghall-qghad. Meta l-appellat appella mid-decizjoni tal-appellant, iddikjara *"… li mis-sena 2010 jiena dejjem ghext fl-indirizz indikat u qatt ma mort nghix f'indirizz iehor. Fid-dar tieghi dejjem ghext wahdi"*. Fl-applikazzjoni ddikjara li:

   - Jabita fl-indirizz 69A, Triq Zekka, Valletta;
   - Dejjem ghex wahdu.

6. L-ispezzjoni mill-ispetturi saret fis-7 ta' Dicembru, 2013 fid-dar fejn tghix Dorianne Pace. Mid-decizjoni tal-Arbitru hu evidenti li m'emminx lill-appellat li kien qieghed ighix fl-indirizz li ddikjara fl-applikazzjoni li biha talab li jibda jircievi l-ghajnuna ghall-qghad.

7. Mir-rapport tal-ispetturi jirrizulta li fil-fond fejn tabita Dorianne Pace kienu nstabu hwejjeg tal-irgiel. L-ispjegazzjoni li tat hi li *"… kienet izzomhomlu*

*ghandha lis-sieheb taghha, biex ma jinsiex meta jmissu jitla' l-qorti…. Meta staqsejna lill-beneficjarja ta' min kienu dawk il-hwejjeg ta' taht tal-irgiel li konna rajna fit-twaletta, hija qaltilna li dawk huma ta' Massimo Caruana, li huwa s-sieheb attwali taghha… Anki fil-gwardarobba kien hemm aktar hwejjeg ta' persuna adulta tas-sess maskili. Filfatt terz minn din il-gwardarobba kien mimli bi hwejjeg sajfin u anki xitwin ta' ragel, u li skont il-beneficcjarja huma wkoll tas-sieheb taghha…. Dan biex ma nsemmux iz-zraben u l-affarijiet tal-lehja u l-fwejjah tal-irgiel li kien hemm fuq it-twaletta u anki t-tlett tahrikiet tal-Qorti tas-Sur Massimo Caruana li kienu mdendla mal-istess twaletta".*

8. Dan hu kaz iehor fejn l-investigazzjoni bdiet minhabba li sar rapport anonimu. Tant hu hekk li fir-rapport tad-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji datat 5 ta Frar, 2014, jinghad li l-investigazzjoni saret wara telefonata anonima li dahlet f'Jannar 2012 li allegat li l-appellat kien ighix mas-siehba tieghu Dorianne Pace u mhux fl-indirizz li ddikjara fl-applikazzjoni ghall-ghajnuna ghall-qghad. Kien biss fil-5 ta' Frar, 2014, li l-ispetturi kkonkludew ir-rapport. Mill-istess rapport jirrizulta li l-ispetturi ghamlu hames zjarat fil-fond 69A, Triq Zekka, Valletta u hadd qatt ma fetah.

9. L-appellat xehed fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2014, li r-relazzjoni tieghu ma' Dorianne Pace kienet spiccat xi tmien snin ilu izda kienu baqghu hbieb. Hu evidenti li l-Arbitru kien moralment konvint li l-appellant kien qieghed ighix ma' Dorianne Pace, izda qal li l-appellant ma gabx prova konkreta li kien ilu jghix maghha sa mis-sena 2010. F'dan ir-rigward il-qorti ma taqbilx meta tikkunsidra:

   - Fil-fond dikjarat mill-appellant fl-applikazzjoni, ma rrizultax li kien hemm konsum ta' ilma;
   - Il-konsum ta' dawl f'perjodu mill-5 ta' Awissu, 2009, sat-12 ta' Lulju, 2013, igifieri matul erba' snin, kien biss ta' 206 units ta' dawl. Konsum li juru bic-car li l-fond dikjarat mill-appellat ma kienx qieghed iservi bhala r-residenza tieghu.
   - Filwaqt li Dorianne Pace nfurmat lill-ispetturi li l-appellat kien is-sieheb taghha, l-appellat xehed li kien ilu tmien snin li r-relazzjoni kienet spiccat;
   - L-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni kif fil-fond fejn tabita Dorianne Pace, instabu kwantita' konsiderevoli ta' hwejjeg ta' ragel li Dorianne Pace qalet li huma tal-appellat. Il-presenza tal-hwejjeg ma tindikax biss hbiberija.

10. L-appellat inghata l-ghajnuna socjali fuq il-fatt li kien qieghed jifforma familja ghal rasu fil-fond 69A, Triq Zekka, Valletta. Skont l-artikolu 2 tal-Kap.318, "familja" tinkludi persuna wahda li fil-fehma tad-direttur tkun persuna li tghix wahedha. F'dan il-kaz hu evidenti li hemm bizzejjed provi li jindikaw stqarrija ta' fatti materjali ħziena min-naha tal-appellat meta applika ghall-għajnuna

soċjali, u dan proprju minhabba li ma kienx qieghed jabita wahdu fil-fond li ddikjara li kien ir-residenza tieghu.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tvarja d-decizjoni tat-12 ta' Dicembru, 2014 fis-sens li r-rifuzjoni ghandha tkun mid-data li fih l-appellant beda jircievi l-beneficcju b'riferenza ghall-applikazzjoni tas-6 ta' April, 2010. Spejjez a karigu tal-appellat**.

Anthony Ellul.